

Brussell, 30 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10456/1/26
REV 1

POLMAR 54
POLGEN 166
COMAR 28
ENV 714
ENER 387
MAR 90
PECHE 235
RELEX 821
SUSTDEV 46
TRANS 410
RECH 273
PROCIV 128

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Ġunju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 530 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Strateġija tal-UE dwar komunitajiet kostali reżiljenti, prosperi u abitabbli

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 530 final.

Mehmuż: COM(2026) 530 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.6.2026
COM(2026) 530 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Strategġija tal-UE dwar komunitajiet kostali reżiljenti, prosperi u abitabbli

1. Introduzzjoni

Mill-komunitajiet tas-sajd għall-bliet kostali, il-ħajja ta' kuljum ta' 95 miljun persuna li jgħixu fis-70 000 km ta' kosta tal-UE u fiż-żoni kostali tal-UE, hija marbuta mill-qrib mal-oċeani.

Il-ġeografija u l-identità kostali tal-UE joffru opportunitajiet uniċi. Fil-punt fejn jiltaqgħu l-art u l-baħar, il-komunitajiet kostali għandhom assi ambjentali, soċjali u kulturali b'saħħithom u potenzjal mhux sfruttat biex javvanzaw l-ekonomija blu sostenibbli. Dawn iservu bħala żoni għall-ittestjar għall-innovazzjoni blu u bħala mudelli sostenibbli ġodda ta' negozju, jaġixxu bħala l-amministraturi tal-ambjent kostali u tal-baħar, isaħħu l-kompetittività tal-UE, jirrestawraw l-ekosistemi tal-baħar u dawk kostali u jissalvagwardjaw il-patrimonju u l-identità kulturali marittimi rikki tagħha. Għandhom rwol kruċjali bħala ċentri lokali tal-kummerċ marittimu, tat-turiżmu u tal-produzzjoni tal-ikel u tal-enerġija nadifa.

Fl-istess ħin, il-komunitajiet kostali tal-UE jinsabu fuq quddiem nett tat-tibdil fil-klima, tat-telf tal-bijodiversità kostali u tal-baħar, u tat-tniġġis tal-baħar. It-turiżmu żbilanċjat, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni affordabbli, l-istaġunalità tal-attività ekonomika (bħat-turiżmu, is-sajd), u l-opportunitajiet limitati ta' impjieg, kif ukoll ir-riskji ambjentali u ż-żieda fit-theddid ibridu, joħlqu sfidi addizzjonali. Iż-żoni kostali huma wkoll esposti għal theddid għas-sigurtà minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom u huma ta' importanza strateġika mill-perspettiva tas-sigurtà u tad-difiża fl-ambjent ġeopolitiku tens attwali. Jekk ma jiġux indirizzati, dawn il-pressjonijiet jirriskjaw li jimminaw l-għajxien, is-sigurtà u l-prosperità tal-komunitajiet kostali, b'konsegwenzi usa' għar-reżiljenza, għall-kompetittività u għas-sigurtà tal-UE. Il-komunitajiet kostali tal-UE huma diversi ħafna, u jvarjaw minn komunitajiet żgħar tas-sajd għal bliet portwarji industrijali kbar, b'ġeografiji, ambjenti, governanza, kulturi u kundizzjonijiet demografiċi differenti. Approċċ "kulħadd f'keffa waħda" la huwa fattibbli u lanqas effettiv. Bħala tali, l-istrateġiji ta' żvilupp jeħtieġ li jkunu mfasslin apposta, iddisinjati u implimentati lokalment, biex jirriflettu l-ħtiġijiet, l-isfidi u l-opportunitajiet speċifiċi.

F'konformità mal-oġġettivi tal-Patt Ewropew għall-Oċeani¹, **qed titressaq għall-ewwel darba strateġija tal-UE li ggħib l-isfidi u l-opportunitajiet ta' komunitajiet kostali taħt qafas koerenti uniku**. L-isfidi speċifiċi li jiffaċċjaw it-territorji insulari u r-reġjuni ultraperiferiċi huma indirizzati mill-istrateġija tal-UE għall-Gżejjer² u mill-istrateġija futura tal-UE għar-reġjuni ultraperiferiċi.

2. Approċċ tal-UE għall-komunitajiet kostali

Peress li ħafna politiki u fondi tal-UE jaffettwaw iż-żoni kostali, approċċ koerenti għall-iżvilupp u għall-implimentazzjoni tagħhom jista' jimmassimizza s-sinerġiji fil-politiki marittimi, klimatiċi, ta' koeżjoni, soċjali, tar-riċerka u l-innovazzjoni, tal-enerġija u tal-ambjent. L-azzjonijiet tal-UE se jikkomplementaw, u mhux se jissostitwixxu, l-isforzi nazzjonali, reġjonali u lokali, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Billi tqiegħed il-komunitajiet kostali fil-qalba tagħha, din l-istrateġija tipprovdi direzzjoni ċara, filwaqt li tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati fl-ippjanar, fil-programmazzjoni u fl-implimentazzjoni – kemm fuq perjodu ta' żmien qasir kif ukoll fit-tul.

Approċċ tal-UE għall-komunitajiet kostali jrid jibda mill-ħtiġijiet u mit-tħassib tan-nies li jgħixu mal-kosta. Abbażi tal-konsultazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati³ u ta' analiżi tar-riskji

¹ COM(2025) 281 final

² COM(2026) 520 final

³ Inklużi s-[Sejħa għal Evidenza](#), workshops u [sessjoni](#) fil-jiem tal-Oċeani, kif ukoll [studju dedikat](#).

u tal-opportunitajiet għall-komunitajiet kostali, l-approċċ tal-UE jidentifika **tlit objettivi strateġiċi għall-komunitajiet kostali Ewropej**:

- i. **Prosperità.** L-investiment f'ekonomija blu diversa u sostenibbli u l-iżgurar ta' benefiċċji lokali minn din l-ekonomija, appoġġati mill-innovazzjoni u minn mudelli sostenibbli ġodda ta' negozju.
- ii. **Reżiljenza.** L-adattament kontinwu għar-riskji dejjem akbar maħluqa mit-tibdil fil-klima u minn riskji ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' sigurtà oħrajn, filwaqt li ssir kontribuzzjoni għad-dekarbonizzazzjoni, prattika sostenibbli u tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-attivitajiet kostali u marittimi.
- iii. **Abitabbiltà.** L-iżvilupp ta' postijiet vibranti, inklużivi u attraenti fejn in-nies tal-ġenerazzjonijiet kollha jistgħu jgħixu, jaħdmu u jqattgħu l-ħin liberu tagħhom, u fejn il-kultura marittima, il-patrimonju u l-identità lokali jistgħu jiffjorixxu.

2.1. Komunitajiet kostali prosperi

(1) It-tiżiħ u d-diversifikazzjoni tas-setturi tradizzjonali tal-ekonomija blu

L-ekonomija blu tal-UE tiġġenera direttament madwar EUR 263 biljun fis-sena f'valur miżjud gross. Għalkemm għadha ma hijiex iffinanzjata biżżejjed, l-opportunitajiet ta' investiment fis-setturi tal-ekonomija blu qed jiksbu momentum.⁴ L-għarfien dwar il-baħar, l-innovazzjonijiet u t-teknoloġiji blu diġà qed jixprunaw mudelli u opportunitajiet ġodda ta' negozju. L-avvanzi rapidi fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, fis-soluzzjonijiet diġitali u fl-osservazzjoni tal-oċeani jistgħu jissarrfu f'impjiegi, f'ħiliet u f'investiment lokali għall-komunitajiet kostali. Il-komunitajiet kostali jistgħu jaġixxu bħala ċentri tal-ekonomija blu, fejn l-innovazzjoni tixpruna l-kompetittività, issaħħaħ il-prestazzjoni ekonomika ġenerali tal-UE filwaqt li tiżgura użu sostenibbli tal-kapital naturali tal-oċeani. Billi jiffukaw l-investimenti fuq il-qawwiet reġjonali, l-**Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (S3)** irawmu l-kollaborazzjoni fl-ekosistemi lokali u reġjonali tal-innovazzjoni blu u joħolqu tkabbir tan-negozju u tal-impjiegi fil-komunitajiet kostali. Biex l-innovazzjoni tkun konnessa u estiża aħjar f'ekosistemi ewlenin, bħall-bijoteknoloġiji blu, il-bijoeconomija blu, u l-akkwakultura ċirkolari intelliġenti, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-pjattaforma tematika S3 għal ekonomija blu sostenibbli.⁵

Il-bażi industrijali tal-ekonomija blu — inklużi l-manifattura marittima, it-tbaħħir u l-portijiet — tibqa' pilastru ewleni tal-kapaċità tal-innovazzjoni, tal-kompetittività u tal-awtonomija strateġika tal-UE. L-**istrateġija Portwarja tal-UE** u l-**Istrateġija Marittima Industrijali Ewropea (EIMS)**⁶, jistabbilixxu perkorsi li jissarrfu f'opportunitajiet ġodda ta' negozju u innovazzjoni, marbuta ma', eż. it-tbaħħir ekoloġiku, l-enerġija lil hinn mill-kosta u l-loġistika. Dan se joħloq impjiegi lokali ta' kwalità għolja permezz ta' innovazzjoni xprunata mill-portijiet u raggruppamenti industrijali, u fl-istess ħin jipprovdi l-infrastruttura u l-konnettività għall-kompetittività u s-sigurtà għall-UE kollha kemm hi.

Is-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, inkluża l-katina tal-valur usa', huma s-sinjala ta' ħafna ekonomiji kostali. Dawn il-professjonijiet ta' tradizzjoni twila għandhom għeruq fondi fil-patrimonju kulturali tal-UE, u huma vitali għall-provvista tal-ikel tal-UE. Il-progress kontinwu fil-ġestjoni sostenibbli tas-sajd, skont il-politika komuni tas-sajd (PKS), huwa essenzjali għall-vijabbiltà fit-tul tas-settur, għall-impjiegi lokali, għall-introjt ekwi, għas-sigurtà tal-ikel u għat-tiġdid ġenerazzjonali (li jgħib liż-żgħażaġh fis-settur sabiex ikun jista' jkompli fil-futur).

⁴ Data tal-2023 minn [The EU Blue economy report 2025](#) u minn [The next wave of blue growth – Investor report 2026](#), rispettivament.

⁵ [Inforegio - Sustainable Blue Economy](#)

⁶ Rispettivament COM(2026) 112 u COM(2026) 111

L-evalwazzjoni reċenti tar-Regolament PKS⁷ turi li l-progress ma huwiex biżżejjed: l-irkupru tal-istokkijiet tal-ħut għadu qed isir bil-mod wisq u l-gwadanji ekonomiċi għadhom baxxi wisq, fost l-oħrajn minħabba sfidi ġodda inklużi l-iżviluppi ġeopolitiċi, it-tibdil fil-klima u l-prezzijiet għoljin tal-enerġija. Il-potenzjal tal-akkwakultura sostenibbli għadu mhux qed jiġi sfruttat biżżejjed. L-evalwazzjoni tal-PKS se tinforma r-riformi potenzjali għall-PKS u se sservi bħala bażi għall-**Viżjoni għas-Sajd u għall-Akkwakultura 2040** tal-Kummissjoni, qafas strateġiku ta' 15-il sena biex jiggwida l-iżvilupp tal-politika fid-deċennji li ġejjin għat-tiħ tal-kompetittività, tas-sostenibbiltà u tar-reżiljenza tas-setturi. Fil-kuntest tal-Viżjoni, il-Kummissjoni se tpoġġi enfasi partikolari fuq ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-prospertà tal-komunitajiet kostali.

It-turiżmu kostali, l-akbar impjegatur fl-ekonomija blu, joffri impjeg dirett lil miljuni ta' persuni fl-UE.⁸ Madankollu, it-turiżmu eċċessiv jista' jżid il-vulnerabbiltà għall-istaġunalità, għall-affollament eċċessiv, għall-pressjoni fuq ir-riżorsi u l-infrastruttura, u għall-isfidi tal-akkomodazzjoni. **L-istrateġija futura tal-UE dwar it-turiżmu sostenibbli** tal-Kummissjoni għandha l-għan li tippromwovi mudelli tat-turiżmu aktar bilanċjati, reżiljenti u kompetittivi li jkun ta' benefiċċju għall-komunitajiet u l-vjaġġaturi lokali.

(2) Opportunitajiet għall-innovazzjoni, għall-għarfien dwar il-baħar, u mudelli ġodda ta' negozju

L-għarfien dwar il-baħar, l-innovazzjonijiet u t-teknoloġiji blu qed jixprunaw mudelli ġodda ta' negozju, billi jipprovdu benefiċċji lokali u madwar l-UE kollha, filwaqt li l-avvanzi fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, fis-soluzzjonijiet diġitali u fl-osservazzjoni tal-oċeani jistgħu jissarrfu f'impjiegi u f'investiment lokali. Bl-istess mod, kif deskritt hawn fuq, il-komunitajiet kostali jistgħu jaġixxu bħala ċentri tal-ekonomija blu.

It-tkabbir futur tal-ekonomija blu se jiddependi fuq id-diġitalizzazzjoni aċċellerata, l-isfruttament tad-data dwar l-oċeani u l-għarfien aħjar dwar il-baħar u l-oċeani. Mudelli innovattivi ta' negozju, bħall-manutenzjoni predittiva tal-assi offshore, kif ukoll l-applikazzjonijiet b'użu doppju, jeħtieġu sistemi ta' data u osservazzjoni aktar b'saħħithom. **L-inizjattiva OceanEye**⁹ se ssaħħaħ il-monitoraġġ u l-osservazzjoni tal-oċeani Ewropej u globali u se toħloq opportunitajiet ġodda għall-komunitajiet kostali: **Se ttejjeb l-għarfien tagħna dwar l-ilmijiet kostali** u se ssaħħaħ il-kapaċità tagħna li nivvalutaw il-valutazzjoni tar-riskji klimatiċi, nidentifikaw it-theddid għas-sigurtà marittima u noffru opportunitajiet għall-ekonomija blu tal-UE. L-OceanEye, f'sinerġija mad-Destinazzjoni d-Dinja¹⁰, se ttipprovi data u għodod fuq skala kostali, li jappoġġaw l-innovazzjoni lokali fit-teknoloġiji tal-oċeani u fis-servizzi tad-data. Se tinvesti wkoll fit-trawwim ta' rabta emozzjonali aktar b'saħħitha bejn iċ-ċittadini u l-baħar, u t-trasformazzjoni tal-osservazzjoni tal-oċeani f'għodda ċivika u kulturali.

L-opportunitajiet limitati ta' impjeg u l-istaġunalità tal-attività ekonomika (eż. fit-turiżmu, fis-sajd) jimminaw il-prospertà f'xi żoni kostali. L-innovazzjonijiet u l-mudelli ġodda ta' negozju (eż. il-peskaturizmu, is-sajd appoġġat mill-komunità, l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur lokali, l-immarkar territorjali u l-akkwakultura trofika baxxa) jistgħu jappoġġaw id-**diversifikazzjoni ekonomika**. Ir-riżorsi tal-baħar rinnovabbli jistgħu joħlqu l-impjiegi u jrawmu t-tkabbir lokali fi ħdan il-bijoekonomija blu. **L-Inizjattiva tal-UE għall-Innovazzjoni tal-Bijoekonomija Blu (BlueBIP)** li jmiss se ssaħħaħ il-kooperazzjoni u s-sinerġiji reġjonali fl-akkwakultura, fis-sajd, fl-agrikoltura, fir-riċerka, fl-awtoritajiet lokali, u f'industriji b'bażi bijoloġika, biex jiġu

⁷ SWD(2026) 120 final

⁸ Is-settur tat-turiżmu kostali impjega aktar minn 2,7 miljun persuna u ġġenera EUR 93 biljun f'valur miżjud gross ([Osservatorju tal-Ekonomija Blu tal-UE](#)). Data mill-2023.

⁹ [OceanEye: Insaħħu l-osservazzjoni u l-protezzjoni tal-oċeani - il-Kummissjoni Ewropea](#)

¹⁰ [Destinazzjoni d-Dinja](#)

żviluppanti ktajjen tal-valur prattiċi bħall-fertilizzanti bbażati fuq l-algi, il-konverżjoni ta' prodotti sekondarji tas-sajd u tal-akkwakultura f'għalf jew f'bijomaterjali, l-irkupru tan-nutrijenti bejn iż-żoni kostali u agrikoli, u prodotti b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju minn akkwakultura sostenibbli. Dawn l-azzjonijiet jistgħu jagħtu spinta lid-diversifikazzjoni ekonomika, lir-reżiljenza, u lill-għanijiet tal-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jsaħħu r-rabtiet bejn ir-reġjuni kostali u interni u l-partijiet ikkonċernati.

Il-krediti tan-natura u l-krediti tal-karbonju blu jistgħu jkunu mekkaniżmi biex jippremjaw l-attivitajiet ta' restawr u jreġġgħu lura t-telf tal-bijodiversità tal-baħar filwaqt li jżidu s-sekwestru tal-karbonju. Sabiex il-krediti tal-karbonju blu jkunu jistgħu jinħarġu u jiġu nnegożjati fil-futur, **il-Kummissjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' metodoloġija ta' ċertifikazzjoni tal-ekosistemi tal-karbonju blu** (*għall-bwar tal-marea u għall-qigħan tal-algi*) skont ir-Regolament tal-2024 dwar l-Assorbiment tal-Karbonju u l-Kultivazzjoni Karbonika (CRCF). Abbozz ta' Att Delegat għal din il-metodoloġija huwa ppjanat sal-2028. Barra minn hekk, bħala parti mill-**Pjan Direzzjonali għall-Krediti tan-Natura**¹¹, il-Kummissjoni qed tistruttura portafoll dejjem akbar ta' proġetti permezz tal-inizjattivi tar-riċerka, tal-innovazzjoni u permezz tal-inizjattivi pilota tagħha biex jiġu ttestjati għażliet differenti, appoġġati minn Orizzont Ewropa, LIFE, Green Assist u strumenti oħra tal-UE.

Il-Kummissjoni qed teżamina l-mezzi għall-kollaborazzjoni mal-Istati Membri fi proċess ta' monitoraġġ komuni rigoruż li jista' jappoġġa r-rapportar u l-verifika għall-inventarji tal-karbonju skont ir-Regolament dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija (LULUCF)¹² u l-obbligi skont ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura. Il-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għar-restawr, għall-monitoraġġ u għall-ġestjoni ta' dawn l-ekosistemi tista' ssaħħaħ dawn l-isforzi.

L-użi tal-ispazju tal-baħar (eż. il-konservazzjoni u r-restawr tan-natura, l-enerġija, is-sajd, l-akkwakultura, it-tbaħħir, u t-turiżmu) huma marbuta mill-qrib mal-iżvilupp tal-komunitajiet kostali. Hekk kif il-kompetizzjoni għall-ispazju tikber, l-ippjanar effettiv huwa essenzjali, u hija meħtieġa modernizzazzjoni tad-**Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSPD)**. L-MSPD tipprovdi qafas konsistenti, trasparenti u bbażat fuq l-evidenza iżda għad hemm sfidi, inklużi l-impatti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima, it-tniġġis tal-baħar, u l-pressjonijiet ambjentali minn użu kostali u marittimu intensifikat, l-interazzjonijiet aktar b'saħħithom bejn l-art u l-baħar u l-ħtieġa ta' governanza mtejba tal-oċeani.¹³ **L-Att Ewropew dwar l-Oċeani** futur, mistenni sal-aħħar tal-2026, għandu l-għan li jimmodernizza l-MSPD f'konformità mal-prijoritajiet tal-Patt għall-Oċeani. Dan se jinvolvi lill-komunitajiet kostali fl-indirizzar tal-isfidi relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima, il-koeżistenza tal-attivitajiet marittimi, l-użu sostenibbli tal-kapital naturali tal-oċeani, u kooperazzjoni transfruntiera msaħħa.

L-istrateġija tal-UE dwar l-Enerġija Rinnovabbli Lil Hinn mill-Kosta¹⁴ tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni u s-sigurtà tal-enerġija u toffri opportunitajiet għall-komunitajiet kostali fil-manifattura avvanzata, fit-titjib tal-portijiet, fl-investimenti fil-katina tal-provvista, u fis-servizzi ta' manutenzjoni, b'mod partikolari għar-riħ lil hinn mill-kosta u dejjem aktar għall-enerġija mill-mewġ u mill-marei. Għall-UE, din issaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u taċċellera l-eliminazzjoni gradwali tal-fjuwils fossili. Fl-istess ħin, il-kompetizzjoni għall-ispazju kostali u tal-baħar u regoli kumplessi tal-ippjanar jistgħu jnaqqasu r-ritmu tal-għoti ta' permessi għal proġetti ġodda tal-enerġija u joħolqu tensjonijiet b'użi oħra tal-art u tal-baħar, bħas-sajd u l-konservazzjoni tan-natura. Sabiex tindirizza dawn l-isfidi, il-Kummissjoni Ewropea tħeġġeġ

¹¹ COM/2025/374 final

¹² Ir-Regolament (UE) 2018/841

¹³ COM(2026) 174 final. Tieni rapport li jiddeskrivi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/89/UE

¹⁴ COM(2020) 741 final

lill-Istati Membri jsaħħu l-ippjanar tal-ispazju marittimu integrat u jissimplifikaw l-għoti ta' permessi, filwaqt li jiżguraw il-valur lokali u l-appoġġ pubbliku permezz ta' inizzjattivi ta' **Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità (CLLD)** bl-involvement tal-komunità kostali. Appoġġati bi kważi EUR 1 biljun għall-perjodu 2021–2027 taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA) u kkomplementati mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE, **l-inizzjattivi tas-CLLD diġà jipprovdu benefiċċji diretti lill-komunitajiet lokali¹⁵ permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq u parteċipattiv**, b'mod partikolari għad-diversifikazzjoni tal-introjt. Lil hinn mis-CLLD, approċċ ibbażat fuq il-post (inklużi wkoll **LEADER** u **l-Irħula Intelliġenti**) jista' jindirizza l-isfidi speċifiċi taż-żoni insulari u kostali. Iktar 'il quddiem, dawn l-għodod parteċipattivi jenħtieġ li jitkomplew u jiġu integrati aħjar f'approċċ aktar multisettorjali għas-CLLD, inkluż permezz tal-BluePIP futur.

It-tiġdid ġenerazzjonali huwa essenzjali biex il-komunitajiet kostali jinżammu vibranti u kompetittivi. Il-popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu u l-emigrazzjoni taż-żgħażaġh idgħajfu s-swieq tax-xogħol lokali, l-intraprenditorija u s-setturi marittimi ewlenin, bħas-sajd, l-akkwakultura jew l-industrija blu innovattivi. Il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, ta' perkorsi tal-karriera ċari u ta' offerti ta' ħiliet b'saħħithom, kif ukoll it-tnaqqis tal-piż amministrattiv, huma kruċjali biex iż-żgħażaġh jiġu attirati u miżmuma u biex tingħata spinta lill-innovazzjoni. Fl-2027, il-Kummissjoni se tipproponi **strateġija ta' Tiġdid Ġenerazzjonali Blu** biex tattira professjonisti żgħażaġh lejn karrieri blu u biex tappoġġa s-sostenibbiltà u l-innovazzjoni fit-tul. Fis-settur tal-enerġija lil hinn mill-kosta, sħubija skont il-**Patt għall-Ħiliet** se tħarreġ 124 elf persuna f'sorsi rinnovabbli lil hinn mill-kosta sal-2030.

Fl-aħħar nett, l-investment fil-konnettività diġitali u tat-trasport huwa vitali għat-tkabbir ekonomiku u għall-aċċess għas-servizzi fir-reġjuni kostali. L-Istati Membri u r-reġjuni jistgħu jużaw il-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni biex itejbu ż-żoni kemm ta' konnettività fiżika kif ukoll ta' konnettività diġitali. Fl-2021–27, il-politika ta' koeżjoni allokat EUR 40 biljun biex tappoġġa l-miri tat-tranżizzjoni diġitali tal-UE, l-aktar biex tnaqqas id-distakk diġitali u biex tagħti spinta lill-konnettività. Dan huwa l-aktar prominenti fir-reġjuni u fit-territorji kostali inqas żviluppati u remoti, b'mod partikolari għall-gżejjer, kif rifless fl-istrateġija tal-UE għall-Gżejjer. **Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jużaw il-possibiltajiet eżistenti taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-bqija tal-perjodu ta' programmazzjoni kurrenti (2026 u 2027)**, u biex jippreparaw għall-implimentazzjoni taħt il-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid.

Azzjonijiet Ewlenin — Il-Kummissjoni:

- *fil-kuntest tal-Viżjoni għas-Sajd u għall-Akkwakultura 2040, se tagħmel enfasi partikolari fuq ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-prosperità tal-komunitajiet kostali.*
- *fi ħdan l-inizzjattiva OceanEye, se tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati kostali biex jagħmlu użu massimu mid-data dwar l-oċeani għar-reżiljenza u għat-tkabbir tagħhom.*
- *se tappoġġa lill-industrija biex tittestja soluzzjonijiet b'użu doppju u tiżviluppa standards ta' interoperabbiltà madwar l-UE kollha għall-bastimenti u għat-teknoloġiji b'użu doppju, filwaqt li tibni fuq il-formati tal-OceanEye.*
- *fil-kuntest tar-reviżjoni tal-qafas tal-MSP skont l-Att Ewropew dwar l-Oċeani, se tagħti attenzjoni partikolari lill-ħtiġijiet tal-komunitajiet kostali*
- *se tappoġġa l-iżvilupp ta' metodoloġija ta' ċertifikazzjoni bħala l-pass li jmiss lejn il-krediti tal-karbonju blu.*

¹⁵ [CLLD in fisheries and coastal communities](#): Achievements and Lessons. FAMENET, 2025

- *se tappoġġa l-ħolqien ta' raggruppamenti u ktajjen tal-valur tal-bijoekonomija blu fil-komunitajiet kostali permezz ta' approċċ ta' Żvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità, fi ħdan l-Inizjattiva futura tal-UE għall-Innovazzjoni tal-Bijoekonomija Blu.*

2.2. Komunitajiet kostali reżiljenti

L-effetti tat-tibdil fil-klima, bħaż-żieda fil-livelli tal-baħar u fit-temperaturi, l-erożjoni kostali, l-għargħar, il-mareġġati, l-intrużjoni tal-ilma mielaħ, u d-degradazzjoni tal-ekosistema qed jaffettwaw dejjem aktar il-kosta tal-UE. Dawn jheddu s-saħħa u s-sikurezza tan-nies, l-infrastruttura, is-sigurtà tal-ilma u tal-ikel, il-valutazzjonijiet tal-assi u l-primjums tar-riskju, l-ekonomiji lokali u l-ambjent. L-ewwel **Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa**¹⁶ identifikat **żoni kostali** fost dawk l-aktar **esposti** għar-riskji klimatiċi. Dawn l-impatti jqiegħdu wkoll siti ta' patrimonju kulturali u dinji f'riskju dejjem akbar.

Mingħajr miżuri ta' mitigazzjoni u ta' adattament, il-**ħsara annwali** mill-għargħar kostali fl-UE tista' tiżdied drastikament minn EUR 1,25 biljun illum il-ġurnata għal bejn EUR 93 biljun u EUR 961 biljun sal-aħħar tas-seklu, u taffettwa bejn 1,5 u 3 miljun persuna.¹⁷ Madankollu, kull EUR 1 biljun investit fl-adattament jista' jnaqqas il-ħsara potenzjali mill-għargħar b'EUR 14-il biljun.¹⁸ Ir-reżiljenza kostali hija element ewlieni tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima.¹⁹ Permezz tal-**Missjonijiet tal-UE: Adattament għat-Tibdil fil-Klima u Nirrestawraw l-Oċeani u l-Ilmijiet tagħna**²⁰, il-Kummissjoni tgħin lill-komunitajiet jivvalutaw ir-riskji klimatiċi, jiżviluppaw strateġiji ta' adattament u jimplementaw soluzzjonijiet. Filwaqt li jaħdmu f'sinerġija, il-Missjonijiet javvanzaw approċċi sistemiċi u mfassla b'mod konġunt, b'attenzjoni partikolari għal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, li jsaħħu r-reżiljenza kostali għall-impatti klimatiċi bħall-għargħar, l-erożjoni u ż-żieda fil-livell tal-baħar. Sa tmiem l-2026, il-Kummissjoni Ewropea se tnedi tliet proġetti ewlenin ġodda ta' Adattament għall-Missjoni, bl-appoġġ tal-UE ta' madwar EUR 30 miljun. Dawn se juru soluzzjonijiet integrati ta' adattament fil-hotspots klimatiċi kostali, fejn riskji klimatiċi multipli u aggravanti jeħtieġu risponsi koordinati.

Il-finanzjament tal-UE, inklużi l-fondi tal-politika ta' koeżjoni, jipprovdi appoġġ sinifikanti għall-azzjoni klimatika fl-Istati Membri u fir-reġjuni fl-2021-2027. Madankollu, għad hemm lakuni importanti fl-investment u fil-politika fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. **Il-Kummissjoni, flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), se tesplora t-twertiq ta' identifikazzjoni tal-immappjar madwar l-UE kollha ta' sensiela ta' investimenti eżistenti u opportunitajiet ġodda potenzjali ta' investment għall-adattament kostali, u l-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom fid-dawl tat-tibdil fil-klima fil-futur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tuża l-appoġġ konsultattiv tekniku tal-BEI (eż., JASPERS²¹ u mandati konsultattivi rilevanti oħra) biex ttipprovdi appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet għat-tħejjija tal-istrateġiji u tal-proġetti ta' investment tal-komunitajiet kostali. Dawn imbagħad jistgħu jiġu appoġġati minn kombinazzjoni ta' għotjiet tal-UE u strumenti ta' self tal-BEI speċifikament għall-awtoritajiet żgħar u ta' daqs medju fl-iżvilupp ta' proġetti ta' reżiljenza għall-klima. B'mod parallel, il-Kummissjoni se trawwem il-kooperazzjoni u s-sħubijiet strateġiċi bejn l-awtoritajiet tal-komunitajiet nazzjonali u kostali bl-użu ta' strumenti eżistenti bħall-Inizjattiva Urbana Ewropea, il-Komunitajiet Peer2Peer tar-Regio, u JASPERS.**

¹⁶ Valutazzjoni tar-Riskju Klimatiku fl-Ewropa — Aġenzija Ewropea għall-Ambjent

¹⁷ JRC PESETA IV -Task 6

¹⁸ UNEP Adaptation Gap Report 2023

¹⁹ COM(2021) 82 final., fejn l-adattament lokali huwa identifikat bħala waħda minn tliet prijoritajiet trasversali.

²⁰ Il-Missjoni tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Missjoni tal-UE:Nirrestawraw l-Oċeani u l-Ilmijiet Tagħna

²¹ JASPERS - Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej

Sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza fil-komunitajiet kostali, il-Kummissjoni identifikat diversi prijoritajiet fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali: **(i) titjib tal-għarfien u tas-sensibilizzazzjoni** dwar ir-riskji kostali, appoġġati minn OceanEye u l-għodda emerġenti tagħha t-Tewmi Diġitali tal-Oċean; **(ii) immappjar aħjar tal-ħtiġijiet ta' investment**; **(iii) it-tisħiħ tal-ippjanar u tal-governanza tal-investment** u l-kjarifika tas-sjieda tar-riskju fil-livelli ta' governanza; **(iv) l-appoġġ tal-bini tal-kapaċitajiet** biex jitwettqu proġetti ta' reżiljenza; **(v) il-mobilizzazzjoni tal-investimenti** għall-adattament u għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Dawn l-isforzi se jibnu fuq għodod eżistenti u emerġenti, inklużi Climate-ADAPT, EMODnet u t-Tewmi Diġitali tal-Oċean. Dan tal-aħħar, żviluppat f'sinerġija mal-inizjattiva Destinazzjoni d-Dinja, se jipprovdi informazzjoni kważi f'ħin reali dwar il-kundizzjonijiet tal-oċeani u kostali. Dan se jsaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet li jantiċipaw u li jirrispondu għall-perikli, jimmappjaw ir-riskju, u jimmiraw aħjar il-miżuri ta' prevenzjoni biex jipproteġu lin-nies, lill-infrastruttura, lill-ekosistemi u lin-negożju lokali.

Soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jistgħu jkunu wkoll partikolarment effettivi, billi jipprovdu benefiċċji ambjentali, soċjali u ekonomiċi filwaqt li jsaħħu r-reżiljenza kostali. Fl-2026, il-Kummissjoni se tipproponi **Qafas Ewropew għar-Reżiljenza għall-Klima** biex ir-riskji klimatiċi futuri jiġu integrati fil-politiki tal-UE, fid-deċiżjonijiet ta' investment u fil-ġestjoni tar-riskju. Għalhekk, l-awtoritajiet huma mħeġġa **jintegraw iż-żieda fil-livell tal-baħar** u r-riskji klimatiċi fil-ġestjoni kostali u fl-ippjanar tal-ispazju. Inizjattivi bħall-Bauhaus Ewropea l-Ġdida se jappoġġaw ukoll lill-ibliet kostali permezz ta' soluzzjonijiet innovattivi u replikabbli ta' reżiljenza, filwaqt li l-**Att Ewropew dwar l-Oċeani** futur għandu l-għan li jsaħħaħ l-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-ippjanar tal-ispazju marittimu.

Il-**ġestjoni konġunta li tinvolvi l-partijiet ikkonċernati lokali**, speċjalment is-sajjieda, fid-deżinjazzjoni u fil-ġestjoni ta' żoni protetti, tista' ttejjeb l-eżiti tal-konservazzjoni u l-vijabbiltà fit-tul tal-miżuri. Billi tikkombina x-xjenza mal-għarfien lokali, tista' żżid il-konformità, tnaqqas il-kunflitt u tappoġġa l-adattament għat-tibdil fil-klima. Tista' tipprovdi wkoll benefiċċji lokali permezz ta' impjiegi ta' restawr, monitoraġġ u amministrazzjoni, kif ukoll dħul mir-restawr tan-natura u mill-krediti tal-karbonju blu. Il-Kummissjoni **tħeġġeġ inizzjattivi ta' żvilupp lokali xprunati mill-komunità fiż-żoni kostali u tas-sajd** Gruppi ta' Ħidma Lokali fis-Sajd/Gruppi ta' Azzjoni Lokali (FLAGs/GALs) biex jappoġġaw l-amministrazzjoni tal-baħar, ir-restawr u proġetti bbażati fuq n-natura. L-Istati Membri huma mistiedna wkoll jiżguraw li l-komunitajiet kostali jkunu involuti b'mod attiv fid-deċiżjonijiet li jappartjenu għaż-żoni tal-baħar protetti.

Il-komunitajiet kostali huma wkoll ċentrali għas-**sigurtà u għar-reżiljenza tal-Ewropa**. Ħafna jinsabu tul il-fruntieri marittimi esterni tal-UE u jiffaċċjaw pressjonijiet dejjem akbar ta' sigurtà, inklużi theddid ibridu, sabotaġġ, u riskji relatati ma' kunflitti li għadhom għaddejnin, bħal droni u mini tal-baħar galleġġanti. Dan it-theddid jista' jfixkel is-sajd, it-trasport marittimu, u attivitajiet ekonomiċi oħra, filwaqt li jimmina wkoll is-sorveljanza tal-fruntieri u jiffaċilita l-kriminalità transfruntiera. Trid tingħata attenzjoni partikolari wkoll lill-protezzjoni u lir-reżiljenza tal-**infrastruttura kostali u marittima kritika**, inklużi l-portijiet, l-infrastruttura tal-enerġija lil hinn mill-kosta u l-kejbils sottomarini. Il-partijiet ikkonċernati kostali, inklużi s-sajjieda, l-awtoritajiet tal-port u l-atturi marittimi lokali, jistgħu jikkontribwixxu għall-għarfien tas-sitwazzjoni marittima permezz tar-rapportar volontarju ta' attivitajiet anomali jew suspettużi fuq il-baħar, f'konformità mal-oqfsa nazzjonali.

Barra minn hekk, **it-tisħiħ tas-sigurtà u d-difiża fiż-żoni kostali huwa essenzjali** biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, jiġu msaħħa l-kapaċitajiet ta' sorveljanza, u jittejjbu l-kapaċitajiet ta' reazzjoni rapida fil-qasam marittimu. F'dan il-kuntest, il-kapaċitajiet diġitali avvanzati bħal Destinazzjoni d-Dinja u t-tewmin diġitali tagħha ta' riżoluzzjoni għolja

dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima u l-Eventi ta' Temp Estrem jistgħu jappoġġaw lill-awtoritajiet u lill-komunitajiet kostali permezz ta' għarfien tas-sitwazzjoni mtejjeb, tbassir tar-riskju, sistemi ta' twissija bikrija u s-simulazzjoni ta' xenarji kumplessi relatati mal-klima u s-sigurtà.

Biex issaħħaħ il-preparatezza u tkopri aktar komunitajiet, **il-Kummissjoni se tespandi l-inizjattiva CoastWAVE²²** billi tintegra l-valutazzjonijiet tal-perikli lokali u s-sistemi ta' twissija personalizzati biex tiżgura li t-twissijiet jilhqg lill-komunitajiet kostali. Dawn l-isforzi huma allinjati mal-**istrateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-UE**, **l-istrateġija Portwarja tal-UE**, u **l-istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza u l-istrateġija Ewropea ta' Sigurtà** futura, li jirriflettu l-hteġa ta' reżiljenza u sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju aktar b'saħħithom madwar iż-żoni kostali. B'mod konsistenti ma' dawn l-istrateġiji, l-awtoritajiet jenħtieġ li jsaħħu s-sensibilizzazzjoni dwar ir-riskju qrib iż-żoni tal-port, sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jirreaġixxu b'mod effettiv fil-każ ta' inċidenti.

Bħala **amministraturi tal-oċeani**, il-komunitajiet kostali għandhom rwol vitali fil-protezzjoni tar-riżorsi u tal-ekosistemi tal-baħar, filwaqt li jappoġġaw l-għajxien, is-sigurtà tal-ikel u l-attivitajiet sostenibbli tal-ekonomija blu. Il-komunitajiet kostali huma ċentrali għall-approċċ mis-sors għall-baħar u huma essenzjali għall-**konservazzjoni u għar-restawr** tal-ambjent kostali u tal-baħar, inkluża l-bijodiversità eċċezzjonalment rikka tar-reġjuni ultraperiferiċi.

Il-**portijiet** huma **ċentri** kostali ewlenin **għaċ-ċirkolarità u għall-kontroll tat-tniġġis**. Skont l-istrateġija Portwarja, il-Kummissjoni se tappoġġa dan ir-rwol billi tissimplifika l-kriterji tekniċi u l-għoti ta' permessi u billi toħroġ gwida lill-Istati Membri.

Minkejja l-isforzi sostanzjali ta' protezzjoni u restawr u l-progress li sar fir-rigward tal-ġestjoni sostenibbli tas-sajd, **l-ekosistemi kostali u tal-baħar għadhom taħt pressjoni kbira** mit-tniġġis, l-ewtrofikazzjoni, is-sajd eċċessiv, l-erożjoni u t-tibdil fil-klima. Madwar **80 % tal-habitats protetti tal-baħar u terrestri fl-Ewropa** jinsabu f'kundizzjoni batuta jew f'kundizzjoni ħażina, u **62 % tax-xmajjar, tal-lagi u tas-siti kostali** jinsabu fi stat ekoloġiku hażin²³. Dan għandu konsegwenzi negattivi għas-saħħa pubblika u jnaqqas is-sikurezza u l-attrazzjoni taż-żoni kostali. Jimmina wkoll il-pilastru fundamentali tas-sostenibbiltà tas-setturi tal-ekonomija blu, bħas-sajd u l-akkwakultura. **L-implimentazzjoni u l-infurzar aktar effettivi tal-leġislazzjoni ambjentali tal-UE jibqgħu essenzjali**, flimkien ma' miżuri mmirati ta' restawr skont ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura²⁴. Sa Settembru 2026, l-Istati Membri huma mistennija jippreżentaw pjanijiet nazzjonali ta' restawr, li jimmarkaw stadju importanti ewleni lejn konservazzjoni aktar koordinata tal-ekosistemi kostali u tal-baħar. Ir-reviżjoni pplanata tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina fl-Att Ewropew dwar l-Oċeani li ġej għandha l-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni ambjentali, tissimplifika d-dispożizzjonijiet u ssaħħaħ il-koerenza mal-acquis tal-UE.

Permezz tal-Missjonijiet ta' Orizzont Ewropa Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna²⁰ u **Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa²⁵**, l-UE diġà qed tappoġġa lill-komunitajiet kostali billi tiżviluppa u tittestja soluzzjonijiet innovattivi għar-restawr, il-ġestjoni kostali inkluż iż-żamma tal-ilma u t-tniġġis tan-nutrijenti u prattiki riġenerattivi tal-ekonomija blu. **L-Istrateġija għar-Riċerka u l-Innovazzjoni tal-Oċeani u tal-Ilma** se tgħin biex jiġi estiż l-approċċ mis-sors għall-baħar bl-innovazzjoni tal-ġestjoni tal-ilma u t-titjib fl-effiċjenza fl-użu tal-ilma. Il-fondi tal-UE - bħall-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-FEMSA u l-LIFE - diġà

²² [CoastWAVE 2.0 | UCP Knowledge Network](#)

²³ [L-Ambjent tal-UE 2025](#) EEA, 2025 u [Copernicus Marine Ocean State Report \(OSR\)](#)

²⁴ Id-Direttiva 79/409/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, id-Direttiva 2008/56/KE u r-Regolament (UE) 2024/1991.

²⁵ [EU Mission: A soil deal for Europe](#)

jappoġġaw l-investimenti fil-bijodiversità, ir-reżiljenza għall-klima, il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, u l-ekonomija ċirkolari fiż-żoni kostali.

Azzjonijiet ewlenin — Il-Kummissjoni:

- *se **tippromwovi sħubijiet ta' ġestjoni konġunta strutturati** (inklużi s-sajjeda) għal żoni protetti u se **tappoġġa lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali** biex jintegraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati fl-ippjanar, fil-monitoraġġ u fir-rieżami perijodiku tal-pjanijiet.*
- ***flimkien mal-BEI**, se tesplora t-tweġġiq ta' **mmappjar tal-investiment fil-livell tal-UE** għall-adattament kostali, u l-użu ta' **appoġġ konsultattiv tekniku tal-BEI** biex jingħata appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet.*
- *se **trawwem il-kooperazzjoni u s-sħubijiet strateġiċi** bejn l-awtoritajiet nazzjonali u tal-komunitajiet kostali*
- *se **tespandi l-inizjattiva CoastWAVE** biex testendi l-valutazzjonijiet tal-perikli lokali u s-sistemi ta' twissija mfassla apposta għal aktar komunitajiet.*

2.3. Komunitajiet kostali abitabbli

L-aċċess għall-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, il-ħiliet, il-konnettività diġitali u tat-trasport, u l-akkomodazzjoni affordabbli, huwa essenzjali biex il-komunitajiet kostali jinżammu attraenti u abitabbli, speċjalment għaż-żgħażagħ. Dawn is-servizzi huma kruċjali wkoll biex jiġi żgurat Dritt li Tibqa'.²⁶ Madankollu, il-komunitajiet kostali fl-UE jiffaċċjaw realtjiet ekonomiċi u sfidi territorjali differenti ħafna, speċjalment fiż-żoni rurali u remoti.

Il-Viżjoni fit-Tul għaż-żoni rurali tal-UE²⁷ tipprovdi qafas olistiku tal-UE biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, inklużi l-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni kostali rurali li jiffaċċjaw restrizzjonijiet ġeografiċi, lakuni fl-aċċessibbiltà u tnaqqis fil-popolazzjoni. L-ewwel **strateġija tal-UE Kontra l-Faqar** adottata fis-6 ta' Mejju 2026, u l-**Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE** futur, li se jiġi adottat aktar tard din is-sena, se jkomplu jappoġġaw dawn l-isforzi.

L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni tinsab taħt pressjoni partikolari f'ċerti viċinati, b'mod partikolari fil-bliet iżda wkoll f'postijiet turistiċi oħra²⁸. Id-domanda dejjem tikber, xprunata mill-flussi tat-turiżmu, il-kiri għal żmien qasir, l-akkomodazzjonijiet sekondarji, l-abitazzjonijiet vakanti, id-domanda għall-investiment jew forom oħra ta' użu mhux primarju tal-akkomodazzjoni, qed turriskja dejjem aktar l-ispostament tal-popolazzjonijiet lokali u l-limitazzjoni tal-aċċess għall-akkomodazzjoni għall-ħaddiema essenzjali. Iż-żieda fl-akkomodazzjoni soċjali tista' tkun għażla ta' politika importanti għall-muniċipalitajiet kostali. Il-Pjattaforma ta' Investiment Pan-Ewropea li jmiss għal akkomodazzjoni affordabbli u sostenibbli se taħdem lejn il-mobilizzazzjoni ta' fondi għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli. B'mod parallel, kif imħabbar fil-Pjan Ewropew dwar Akkomodazzjoni Affordabbli, il-Kummissjoni se tipproponi **Att dwar l-Akkomodazzjoni Affordabbli** biex jgħin lill-awtoritajiet pubbliċi jidentifikaw żoni ta' akkomodazzjoni taħt stress, u b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà, jippermettilhom jieħdu miżuri proporzjonati biex jissalvagwardjaw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni. Barra minn hekk, ir-**Regolament dwar il-Kiri għal Żmien Qasir**²⁹ li japplika mill-20 ta' Mejju 2026 se jgħib aktar trasparenza u se jgħin lill-awtoritajiet

²⁶ F'konformità mal-[Istrateġija dwar id-Dritt li Tibqa'](#) li jmiss.

²⁷ COM/2021/345 final

²⁸ SWD(2025) 1053/2 — Understanding the housing crisis

²⁹ Ir-Regolament - UE - 2024/1028

pubbliċi jirregolaw is-suq b'mod proporzjonat billi jirrikjedi reġistrazzjoni obbligatorja tal-ospiti, u l-kondiviżjoni tad-data dwar tranżazzjonijiet reali bejn pjattaformi diġitali u awtoritajiet nazzjonali. Il-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti diġà jappoġġa sforzi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' akkomodazzjoni affordabbli u ta' kwalità b'mill-inqas EUR 43 biljun³⁰ permezz tal-Fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, InvestEU, LIFE, il-Programm tas-Suq Uniku u Orizzont Ewropa, kif ukoll permezz ta' Next Generation EU, filwaqt li r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-politika ta' koeżjoni ppermetta r-riallokazzjoni ta' EUR 3,3 biljun addizzjonali taħt il-FEŻR (Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) għall-prijorità tal-akkomodazzjoni affordabbli u soċjali. B'ħarsa 'l quddiem, il-Fond Soċjali għall-Klima se jiffinanzja investimenti għall-effiċjenza enerġetika, għar-rinnovazzjoni tal-bini u għal tisħin u tkessiħ nodfa. **Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri jżidu l-investimenti fis-servizzi tal-akkomodazzjoni u fis-servizzi assoċjati fil-komunitajiet kostali taħt pressjoni tal-akkomodazzjoni, b'mod partikolari għall-gruppi l-aktar vulnerabbli.**

Il-kosti tal-UE jospitaw ukoll **patrimonju marittimu** rikk, inklużi siti tal-baħar tal-Patrimonju Dinji tal-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (UNESCO)³¹, tradizzjonijiet lokali, kultura tal-ikel, prattiki u snajja' li jsostnu l-identità tal-komunità, u l-valuri interġenerazzjonali. Attivitajiet bħas-sajd fuq skala żgħira u artiġjanali, l-akkwakultura, il-bini tal-bastimenti u t-tbaħħir huma ċentrali għan-nisġa soċjali u kulturali. Il-kontribuzzjoni unika tagħhom għall-identità lokali jenħtieġ li tiġi rikonoxxuta fil-livelli kollha ta' governanza.

Inizjattivi bħall-**Koalizzjoni EU4Ocean għall-għarfien dwar l-oċeani** se jkomplu jżidu s-sensibilizzazzjoni dwar is-sinifikat kulturali, soċjali u ekonomiku tal-oċeani, filwaqt li jenfasizzaw il-patrimonju marittimu tal-komunitajiet kostali, u jappoġġaw l-għarfien interġenerazzjonali u l-amministrazzjoni tal-oċeani. Il-**Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB)** u l-**Laboratorju tal-Komunitajiet tal-Oċeani, tal-Kosta u tal-Gżejjer tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida** joffru wkoll opportunitajiet għal proġetti kostali li jikkombinaw is-sostenibbiltà, id-disinn, il-kultura u r-reżiljenza għall-klima.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-komunitajiet lokali biex ikomplu jippromwovw inizjattivi tal-patrimonju blu u marittimu permezz tas-CLLDs u l-FLAGs tagħha u programmi u inizjattivi oħra fil-livell lokali u nazzjonali.

Azzjonijiet ewlenin — Il-Kummissjoni:

- *se tipproponi Att dwar Akkomodazzjoni Affordabbli biex tappoġġa lill-awtoritajiet pubbliċi fl-identifikazzjoni ta' żoni ta' stress fl-akkomodazzjoni u tippermettilhom, b'rispett sħiħ tas-sussidjarjetà, jieħdu miżuri biex jipproteġu u jippromwovw l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni f'dawk iż-żoni.*
- **permezz tal-Faċilità tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB) u t-tnedija tal-Laboratorju tal-Komunitajiet tal-Oċeani, tal-Kosta u tal-Gżejjer tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida, se toffri wkoll opportunitajiet għal proġetti kostali li jikkombinaw is-sostenibbiltà, id-disinn, il-kultura u r-reżiljenza għall-klima.**

³⁰ Il-Pjan Ewropew għal Akkomodazzjoni Affordabbli. COM(2025) 1025 final

³¹ [Ċentru tal-Patrimonju Dinji — World Heritage Marine Programme](#)

3. Implimentazzjoni tal-istrateġija

3.1. Finanzjament

L-aċċess għall-finanzjament għall-ekonomija blu qed jiżdied b'mod kostanti. Permezz tal-**Pjattaforma BlueInvest**, l-UE tappoġġa start-ups u SMEs biex jiżviluppaw u jespandu teknoloġiji u servizzi innovattivi tal-oċeani, inkluż f'żoni kostali, billi tipprovdi coaching, tlaqqiġ tal-investituri u appoġġ għall-ġbir ta' fondi. L-istrument ta' investiment tal-ekonomija blu — appoġġat mill-FEMSA u mill-InvestEU u implimentat mill-Fond Ewropew tal-Investment (FEI) — għandu l-għan li jimmobilizza sa EUR 1 biljun f'investiment fl-ekwità sal-2028. Barra minn hekk, il-Bank Ewropew tal-Investment (**BEI**) għandu wkoll rwol ewlieni, b'investimenti annwali medji ta' madwar EUR 2,6 biljun fl-ekonomija blu u fi proġetti ta' protezzjoni kostali.

Kollaborazzjoni u sinerġiji aktar b'saħħithom ma' Banek Promozzjonali Nazzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji multilaterali oħrajn jistgħu jgħinu ulterjorment lin-negozji u lill-komunitajiet kostali biex jaċċessaw il-finanzjament, is-servizzi ta' konsulenza teknika u l-appoġġ għall-bini tal-kapaċitajiet. Ir-**Regolament dwar it-Tassonomija tal-UE** jgħin ukoll l-investment dirett lejn attivitajiet li jikkontribwixxu għall-użu sostenibbli u l-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-baħar³². Barra minn hekk, il-programmi legiżlattivi³³ se jkollhom rwol ċentrali biex jiżblukkaw il-kapital privat. Billi jnaqqsu l-kost tal-investimenti fl-ekwità fit-tul u jirrikonoxxu l-effett ta' tnaqqis tar-riskju tal-garanziji tal-UE jew nazzjonali fir-rekwiżiti tal-kapital, dawn il-programmi leġiżlattivi jistgħu jinkoraġġixxu l-investimenti.

Il-politika ta' koeżjoni tal-UE, il-Politika Agrikola Komuni u l-politiki marittimi jkomplu jappoġġaw l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjuni kostali, ikkomplementati minn inizjattivi ta' bini tal-kapaċitajiet, bħal TAIEX-REGIO Peer2Peer³⁴ u FAMENET għall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali.

B'ħarsa 'l quddiem, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali propost għall-2028–2034 joffri opportunitajiet ġodda għall-Istati Membri u għar-reġjuni biex isaħħu l-komunitajiet kostali. L-Istati Membri huma mħeġġa **jallinjaw il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom (NRPPs) mal-oġġettivi ta' din l-istrateġija** u, fi sħubija mal-awtoritajiet reġjonali u lokali, jappoġġaw soluzzjonijiet ibbażati fuq il-post imfassla għall-ħtiġijiet lokali. Il-**Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK)**³⁵ propost jista' jappoġġa wkoll l-investment u l-innovazzjoni f'setturi tal-ekonomija blu sostenibbli.

Il-Kummissjoni se tiffinanzja, bħala parti mis-**Sħubija Sostenibbli dwar l-Ekonomija Blu**³⁶ taħt Orizzont Ewropa, aktar minn EUR 450 miljun sal-2027 f'aktar minn 43 proġett ta' riċerka u innovazzjoni li jappoġġaw ekonomija blu newtrali għall-klima, sostenibbli u kompetittiva, inkluż appoġġ iddedikat għal komunitajiet u negozji kostali reżiljenti. Sal-aħħar tal-2026, il-komunitajiet lokali u kostali se jkunu involuti wkoll f'sejħa għal appoġġ tekniku biex jgħinu fit-tħejjija ta' aġendi ta' tranżizzjoni taħt il-**Missjoni l-Oċean u l-Ilmijiet**³⁷ sabiex il-proġetti u l-investimenti jirriflettu l-ħtiġijiet lokali.

3.2. Governanza

L-appoġġ effettiv għall-komunitajiet kostali jiddependi fuq **approċċ b'saħħtu ta' governanza f'diversi livelli** u kollaborazzjoni mill-qrib fost l-awtoritajiet lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-

³² Ir-Regolament (UE) 2020/852

³³ [C\(2025\) 2731 final](#)

³⁴ [Inforegio — TAIEX-REGIO Peer2Peer](#)

³⁵ COM(2025) 555 final

³⁶ [Sustainable Blue Economy Partnership](#)

³⁷ [Programm ta' Ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-2026–2027](#).

UE. L-involvement sinifikanti tal-atturi lokali u reġjonali fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika huwa essenzjali biex jirrifletti l-ħtiġijiet lokali u jgħin biex jintlaħqu l-prijoritajiet tal-UE.

L-UE stabbiliet strutturi ta' kooperazzjoni territorjali u pjattaformi ta' djalogu li jgħaqqdu l-komunitajiet kostali mal-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali, il-portijiet, l-industrija, l-akkademja u s -soċjetà ċivili, bħall-**Istrateġija tal-Baċiri tal-Baħar tal-UE u l-Istrateġija Makroreġjonali tal-UE**. Dawn l-oqfsa jgħinu biex il-prijoritajiet tal-UE jissarfu f'“soluzzjonijiet ibbażati fuq il-post” li jsaħħu s-sostenibbiltà ambjentali, id-diversifikazzjoni ekonomika u l-ktajjen tal-valur reġjonali.

Sal-2027, il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-Atlantiku se jaħdmu biex jaġġornaw l-istrateġija Marittima għall-Atlantiku, inkluż l-iżvilupp possibbli ta' qafas makroreġjonali ġdid għar-reġjun tal-Atlantiku. B'mod parallel, il-Kummissjoni, flimkien mal-Unjoni għas-sħab Mediterranji u tal-Lvant tal-Mediterran, se tiżviluppa strateġija ġdida tal-baċiri tal-baħar biex tappoġġa ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva fir-reġjun.

Inizjattivi bħall-**Jum Marittimu Ewropew**, inkluża l-kampanja annwali tal-avvenimenti lokali l-**“Jum Marittimu Ewropew f'pajjiżi”**, jgħinu biex il-komunitajiet lokali jiġu konnessi mal-opportunitajiet u l-politika tal-UE. In-**Network tal-Bliet Blu tal-Jum Marittimu Ewropew** se jsaħħaħ il-kooperazzjoni fost il-bliet kostali u portwarji Ewropej biex jipromwovi politiki marittimi sostenibbli, l-innovazzjoni, u ambjenti tal-baħar b'saħħithom.

Fl-istess ħin, għad hemm lakuni sostanzjali fil-għbir ta' data soċjoekonomika u ambjentali fil-livell lokali dwar il-komunitajiet kostali. Bl-użu tad-definizzjonijiet armonizzati eżistenti tal-istatistika, il-klassifikazzjonijiet u l-oqfsa għall-għbir tad-data, il-Eurostat flimkien ma' servizzi oħra tal-Kummissjoni se jkollhom l-għan li jagħlqu dawn il-lakuni biex jgħinu lill-awtoritajiet lokali u lill-partijiet ikkonċernati jimmiraw aħjar il-miżuri, jipprijoritizzaw l-investimenti u jsaħħu r-reżiljenza.

Azzjoni ewlenija — Il-Kummissjoni:

- *se taġġorna l-istrateġija Marittima għall-Atlantiku³⁸ mal-Istati Membri tal-Atlantiku, inkluż billi tikkunsidra qafas makroreġjonali tal-Atlantiku ġdid, u se tippreżenta, flimkien mal-Unjoni għas-sħab Mediterranji u tal-Lvant tal-Mediterran, strateġija ġdida għall-baċiri tal-baħar tal-Lvant tal-Mediterran biex tappoġġa ekonomija blu sostenibbli u kompetittiva.*

4. Konklużjonijiet

Il-komunitajiet kostali tal-UE huma ċentrali għall-prosperità ekonomika, ir-reżiljenza għall-klima u l-patrimonju kulturali tal-UE. L-istrateġija tal-Kummissjoni għal Komunitajiet kostali prosperi, reżiljenti u abitabbli, tistabbilixxi l-opportunitajiet ewlenin biex **jissaħħu** dawn iż-żoni u biex jiġi appoġġat l-**iżvilupp fit-tul** tagħhom. L-istrateġija tqiegħed lin-**nies** fil-qalba tagħha u tipprovdi **qafas koerenti biex il-politiki rilevanti tal-UE jiġu konnessi aħjar**. Tibni wkoll sinerġiji ma' inizjattivi eżistenti, b'mod partikolari l-istrateġija tal-UE għall-gżejjer u l-istrateġija tal-UE għar-reġjuni ultraperiferiċi.

Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tallinja l-politiki futuri u l-istrumenti ta' finanzjament mal-ħtiġijiet speċifiċi tal-komunitajiet kostali u tiżgura implimentazzjoni effiċjenti. Mal-Presidenza tal-Kunsill, il-Kummissjoni se tlaqqa' **konferenza ta' livell għoli**

dwar il-Gżejjer u l-Komunitajiet Kostali fis-26 ta' Ġunju 2026 biex tingħata spinta lill-implimentazzjoni taż-żewġ strateġiji.

Il-progress ġenerali se jiġi vvalutat b'mod trasparenti u perjodiku permezz tad-**dashboard tal-Patt għall-Oċeani** u r-**Rapport dwar l-Istat tal-Patt għall-Oċeani**.